



Iż-żgħażaġh u l-impjieg temporanju fl-Ewropa

Sommarju Eżekuttiv

Introduzzjoni

Mill-bidu tal-kriżi ekonomika u finanzjarja tal-2008 sal-lum, l-għadd ta' żgħażaġh impjegati fl-Unjoni Ewropea kollha naqas sewwa. Sa nofs l-2013, ir-rata tal-qagħad fost dawk ta' 24 sena u anqas żdiedet għal aktar minn 23%. Għadd kbir ta' ħaddiema f'dan il-grupp ta' età huma impjegati b'kuntratti temporanji milli permanenti (42% mqabbel ma' 10% biss tal-ħaddiema bejn il-25 u l-64 sena). Waqt li kuntratti temporanji jew ta' terminu fiss jistgħu jkunu pass fit-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għax-xogħol, huma jistgħu wkoll jaqbd u f'nassa liż-żgħażaġh f'xogħol insikur.

Dan ir-rapport komparattiv mill-Monitoraġġ Ewropew ta' Ristrutturazzjoni jissejjes fuq dejta ta' korrispondenti fit-28 Stat Membru tal-UE u fin-Norveġja. Huwa jeżamina r-raġunijiet għaliex kiber l-għadd tal-kuntratti ta' impjegi temporanji mal-UE kollha u jesplora s-sitwazzjoni dwar l-aċċess għal ħarsien soċjali għal żgħażaġh b'kuntratti ta' terminu temporanju jew fiss. Jeżamina mill-ġdid il-miżuri li ttieħdu f'diversi pajjiżi biex ikun irregolat l-użu ta' dawn il-kuntratti – sikwit bil-għan li tingħata spinta lit-tranżizzjoni għal kuntratti standard – u fl-aħħar jippreżenta l-opinjoni tal-imsieħba soċjali dwar il-kwistjoni.

Kuntest tal-politika

Fil-pajjiżi kważi kollha fl-Ewropa, l-użu ta' kuntratti ta' impjieg temporanju huwa regolat: hemm massimu li jillimita kemm idumu, kif ukoll l-għadd ta' drabi li l-kuntratt jista' jiġġedded. Iżda d-dettalji ta' regolamentazzjoni bħal din u l-grad ta' restrizzjoni imposti jvarjaw sensibbilment bejn pajjiżi u ieħor. F'xi pajjiżi, l-aktar fil-Greċja, il-Litwanja, il-Pajjiżi I-Baxxi, il-Polonja, ir-Rumanija u Spanja – ir-regolamenti tlaxkaw matul il-kriżi bit-tama li jkun stimulat il-ħolqien ta' postijiet tax-xogħol, għalkemm fi kważi l-każijiet kollha kien ċar li s-serħan kien biss temporanju.

Fil-pajjiżi kważi kollha, ir-restrizzjonijiet baqgħu fejn kienu; fl-Italja u fis-Slovakkja kienu ssikkati biex aktar minn dawk li jħaddmu jitħeġġu jdaħħlu ħaddiema b'kuntratti standard. Dan jirrifletti tħassib mal-Ewropa kollha, li kien espress ukoll mill-Kummissjoni Ewropea fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Ġunju 2013 *Naħdmu flimkien għaż-żgħażaġh tal-Ewropa* – sejħa għal azzjoni għall-qagħad fost iż-żgħażaġh, jiġifieri li ż-żieda ta' opportunitajiet għal postijiet tax-xogħol għaż-żgħażaġh hija prijorità, iżda li ma kellhiex titwettaq bi ħsara għall-kwalità anqas tal-postijiet tax-xogħol, u b'livelli ogħla ta' insikurezza.

Sejbiet ewlenin

- L-użu ta' kuntratti ta' impjieg temporanju għaż-żgħażaġh kien beda jżdied fil-pajjiżi kważi kollha qabel ma bdiet ir-riċessjoni tard fl-2008, li kien jirrifletti x-xewqa ta' dawk li jħaddmu li jaġġustaw il-forzi tax-xogħol tagħhom b'mod eħfef hekk kif il-kondizzjonijiet tas-suq tbiddu. Kien jindika wkoll iż-żieda fl-użu ta' skemi ta' taħriġ u perijodi ta' prova bħala mod kif dawk li jħaddmu jivvalutaw il-kapaċitajiet ta' rekluti ġodda qabel ma joffruhom pożizzjonijiet permanenti.
- Ir-riċessjoni ekonomika fl-2008–2009 wasslet għal tnaqqis sproporzjonat fl-għadd ta' żgħażaġh impjegati f'postijiet tax-xogħol temporanji minħabba li ħafna kuntratti ta' terminu fiss ma ġgeddewx minn dawk li jħaddmu li fittxew li jnaqqsu l-ispejjeż malajr. Minn hemm 'l hawn, iżda, kien hemm żieda relattiva ta' kuntratti bħal dawn, li kienet tindika n-nuqqas ta' rieda ta' dawk li jħaddmu li joħolqu postijiet tax-xogħol permanenti fi klima ta' inċertezza ekonomika u l-introduzzjoni mill-ġdid tat-tendenza għal skemi ta' taħriġ u perijodi ta' prova.

- Bi ftit eċċezzjonijiet, żgħażaġh b'kuntratti temporanji bħala prinċipju jgawdu billi jkunu bl-istess mod intitolati għall-ħarsien soċjali bħal dawk b'kuntratti standard. Iżda fil-prattika n-natura ta' terminu qasir tal-impjeg tisser li huma sikwit ikun jonqoshom kontribuzzjonijiet suffiċjenti biex jikkwalifikaw għal għajjnuna, bħal benefiċċji għall- qagħad, mard u maternità.
- F'għadd ta' pajjiżi u setturi, xogħol fittizju ta' min jaħdem għal rasu (meta ħaddiem indipendenti jingħata kuntratt biex jagħti servizzi lil klijent wieħed jew lil min jipprovdi x-xogħol kważi bl-istess mod bħallikieku kien impjegat) huwa mifruħ ħafna. Din il-prattika tintuża minn dawk li jħaddmu bħala mezz biex inaqqsu l-ispejjeż billi jnaqqsu l-kontribuzzjonijiet soċjali li jkollhom jitħallsu u jevitaw l-ispejjeż imposti minn leġiżlazzjoni li tiproteġi l-impjegji.
- Ħaddiema li jaħdmu għal rashom fil-pajjiżi kważi kollha huma anqas intitolati għal benefiċċji soċjali minn impjegati, minħabba li l-ħlas ta' kontribuzzjonijiet x'aktarx ikun volontarju. Żgħażaġħ b'paga baxxi x'aktarx li ma jħallsux kontribuzzjonijiet biex jevitaw il-ħlas żejjed li jkun hemm. Dan japplika ndaqgħal min ikun intitolat għal pensjoni abbażi ta' assigurazzjoni.
- Waqt li kuntratti temporanji jistgħu jkunu pass lejn postijiet tax-xogħol permanenti, l-aktar jekk ikunu skemi ta' taħriġ jew perjodi ta' prova, hemm x'jixhed li l-għadd relattiv ta' żgħażaġh li jagħmlu t-tranżizzjoni għal pożizzjonijiet permanenti naqas matul il-perjodu ta' kriżi.
- It-tkabbir tax-xogħol temporanju fost iż-żgħażaġh jista' parzjalment ikun spjegat minħabba l-miżuri li ttieħdu biex ikunu stimulati l-impjegji għaż-żgħażaġh, bħal finanzjament mill-gvern ta' programmi ta' esperjenza ta' xogħol u sussidji statali għal dawk li jħaddmu u jimpjegaw żgħażaġh.
- F'għadd ta' pajjiżi ddaħħlu sussidji għall-pagi f'għamla li tagħti inċentiv lil dawk li jħaddmu biex joħolqu postijiet tax-xogħol permanenti milli temporanji.

- F'ħafna pajjiżi żgħażaġh b'kuntratti temporanji ma jikkostitwixxux tħassib kbir dwar politika għall-imsieħba soċjali, meqjusin l-esiġenzi insistenti tal-kriżi ekonomika. Fejn ikun hemm dibattitu dwar il-kwistjoni, sikwit ikun hemm konflikt li jinftehem bejn l-opinjoni ta' dawk li jħaddmu, li japprezzaw il-flessibbiltà ta' kuntratti temporanji, u trejtdjunjins li jisħqu dwar l-insikurezza impliċita tal-postijiet tax-xogħol ta' kuntratti bħal dawn.

Indikazzjonijiet tal-politika

Waqt li t-tkabbir fl-impjegji temporanji fost iż-żgħażaġh joħloq tħassib minħabba l-insikurezza minnha nfisha ta' din ix-xorta ta' kuntratt, huwa important jkun innotat li nies f'postijiet tax-xogħol temporanji sikwit jew ma jkunux iridu post tax-xogħol permanenti jew ikunu qed jitħarrġu jew qiegħdin f'perjodu ta' prova li jkun jista' jwassal għal pożizzjoni permanenti. Iżda gvernijiet għandhom jiżguraw li l-użu ta' kuntratti ta' terminu fiss ma jkunx qed ikun abbużat.

Gvernijiet jeħtiġilhom ukoll jagħmlu monitoraġġ sewwa ta' dawk li jaħdmu għal rashom. Waqt li hemm nuqqas ta' prova diretta dwar kemm ikunu ġenwini xi forum ta' xogħol ta' dawk li jaħdmu għal rashom, jidher li f'xi pajjiżi ż-żieda fl-għadd ta' nies li jaħdmu għal rashom qed tkun imġiegħla minn dawk li jħaddmu li ma jridux jimpjegaw ħaddiema b'mod permanenti u joffrullhom il-protezzjoni li jagħti kuntratt standard ta' impjeg.

Il-kwistjoni tal-ħarsien soċjali jeħtiġilha tkun indirizzata biex ikun żgurat li ż-żgħażaġh u oħrajn f'postijiet tax-xogħol temporanji jkollhom aċċess adegwat għal benefiċċji meta l-kuntratt tagħhom jintemm jew meta ma jkunux jistgħu jaħdmu minħabba mard, pereżempju, jew maternità. Dan jista' jkun diffiċli f'każijiet fejn f'ħlasijiet ta' skemi ta' assigurazzjoni soċjali jkunu volontarji u l-ispiża tal-kontribuzzjonijiet tiskuraġġixxi liż-żgħażaġh milli jissieħbu fi skemi bħal dawn. Fil-klima ekonomika ta' bħalissa, jista' jkun ukoll diffiċli għal gvernijiet li jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż biex jidied l-aċċess għall-ħarsien soċjali.

Aktar informazzjoni

Ir-rapport "Iż-Żgħażaġħ u l-impjeg temporanju fl-Ewropa", jista' jinkiseb minn: <http://www.eurofound.europa.eu/emcc/erm/studies/tn1304017s/index.htm>
Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil Lidia Salvatore, Uffiċjal tar-Riċerka, fuq: lsa@eurofound.europa.eu